MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1162/2003

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Marvin Mackay**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha centezmi (Lm153.09) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' *air conditioning unit* mibjugh u ikkonsenjat mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ta' 11 ta' Marzu 2003 u bl-imghax dekorribbli fuq l-istess bilanc b'effett mill-1 ta' Mejju 2003 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha centezmi (Lm153.09), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Mejju 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------